IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.3.2018
COM(2018) 87 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**dwar il-possibbiltà li jiġu introdotti ċerti rekwiżiti għall-protezzjoni tal-ħut waqt il-qtil**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

MT MT

# 1. Introduzzjoni

Il-ħut imrobbi huwa ttrattat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla ("ir-Regolament")[1]. Iżda d-dispożizzjoni ġenerali fl-Artikolu 3(1) biss tapplika għall-ħut imrobbi, jiġifieri "*Waqt il-qatla u operazzjonijiet relatati, l-annimali għandhom jiġu protetti minn kwalunkwe uġigħ, stress jew tbatija li jistgħu jigu evitati*".

Barra minn hekk, l-Artikolu 27(1) tar-Regolament jistipula li "*il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-possibbiltà li jiġu introdotti ċerti rekwiżiti rigward il-protezzjoni tal-ħut waqt il-qatla b'kont meħud tal-aspetti tat-trattament xieraq tal-annimali kif ukoll l-impatti soċjo-ekonomiċi u ambjentali*".

L-għan ta' dan ir-rapport huwa li jiġi segwit l-Artikolu 27(1) tar-Regolament. Ir-rapport fih analiżi tal-impatti soċjoekonomiċi waqt it-tbiċċir. Madankollu, l-effetti ambjentali potenzjali ma tqisux f'dan ir-rapport, billi l-impatt tagħhom kien meqjus bħala negliġibbli waqt il-qtil[2].

Ir-rapport jikkostitwixxi wkoll waħda mill-azzjonijiet elenkati fl-istrateġija tal-UE għall-Protezzjoni u l-Benessri tal-Annimali 2012 – 2015[3].

L-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) adottat il-linji gwida dwar l-aspetti tat-trattament xieraq fejn għandu x'jaqsam mal-isturdament u l-qtil tal-ħut imrobbi għall-konsum mill-bniedem[4]. Dawn il-linji gwida huma rilevanti fl-UE wkoll, billi l-Istati Membri kollha huma pajjiżi membri tal-OIE.

Fl-2009 l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-EFSA) ippubblikat għadd kbir ta' opinjonijiet dwar l-aspetti tat-trattament xieraq tas-sistemi ewlenin tal-isturdament u l-qtil tal-ispeċijiet ewlenin imrobbija fl-UE[5]. Dawn l-opinjonijiet urew li jeżistu l-isfidi fl-industrija tal-akkwakultura mill-aspett tat-trattament xieraq tal-ħut waqt il-qtil. Il-perikli ewlenin li ġew identifikati bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju kienu:

1) il-manipular jew il-proċeduri tal-manipular (eż. l-iffullar, l-ippumpjar, il-ħin barra mill-ilma)

---

1 ĠU L 303, 18.11.2009, p. 1.

2 B'mod aktar ġenerali, l-impatti ambjentali tal-produzzjoni tal-akkwakultura huma importanti, u b'hekk ġew identifikati bħala wieħed mill-erba' oqsma prijoritarji fil-linji gwida strateġiċi tal-Kummissjoni għall-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura fl-UE: http://ec.europa.eu/fisheries/cfp/aquaculture/index_en.htm

3 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għall-Protezzjoni u l-Benessri tal-Annimali 2012-2015, COM(2012) 6 final/2.

4 (Il-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Akkwatiċi) Aquatic Animal Health Code, il-Kapitolu 7.3 Welfare aspects of stunning and killing of farmed fish for human consumption. http://www.oie.int/index.php?id=171&L=0&htmfile=chapitre_welfare_stunning_killing.htm

5 L-Opinjonijiet Xjentifiċi tal-Bord dwar is-Saħħa u l-Welfare tal-Annimali wara talba mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-aspetti speċifiċi għal kull speċi tal-isturdament u l-qtil tal-ħut imrobbi
Il-Karpjun imrobbi http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/1013
It-Trota Qawsalla mrobbija http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/1012
Il-Paġella Ħamra u l-Ispnotta mrobbijin http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/1010
Is-Salamun imrobbi http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/1011

2) il-kwalità tal-ilma fit-tankijiet/fl-ixbieki taż-żamma temporanja

3) il-metodi tal-isturdament u l-qtil.

L-EFSA kkonkludiet li ħafna mill-metodi u l-parti l-kbira tat-tagħmir li kienu qegħdin jintużaw dak iż-żmien kienu jaffettwaw ħażin il-benessri tal-ħut. Għalhekk l-EFSA pproponiet ċerti rakkomandazzjonijiet, kemm għall-waqt ta' qabel it-tbiċċir kif ukoll għall-operazzjonijiet tal-isturdament u tal-qtil. Kienet enfasizzat ukoll li kienu konsiderevoli l-opportunitajiet għall-iżvilupp ta' metodi ġodda ta' sturdament u ta' qtil għall-ispeċijiet kollha tal-ħut evalwati.

Bħala għajnuna għat-tħejjija ta' dan ir-rapport, fl-2016 ġie ordnat rapport ta' studju indipendenti mingħand kuntrattur estern[6]. L-għan tal-istudju li ġie ordnat kien li jiġbor l-informazzjoni dwar il-prattiki attwali ta' trattament xieraq tal-annimali fl-akkwakultura Ewropea, b'mod partikolari b'rabta mat-tbiċċir ta' ħut imrobbi, u li janalizza sa liema punt għadhom mhumiex solvuti kwistjonijiet dwar it-trattament xieraq tal-ħut. Tqiesu l-ispejjeż biex jintużaw prattiki tajbin tat-trattament għall-benessri, il-qagħda ekonomika, l-effetti fuq il-kompetittività u fatturi oħra. L-istudju ffoka fuq il-ħames speċijiet ewlenin ta' ħut imrobbi f'għadd ta' pajjiżi fiż-ŻEE magħżulin biex tingħata preżentazzjoni ġenerali tal-qagħda attwali tal-akkwakultura Ewropea: Is-salamun (tal-ilma baħar kiesaħ); il-karpjun u t-trota qawsalla (tal-ilma ħelu), u l-ispnotta u l-awrata (tal-baħar Mediterran) kif deskritt fit-Tabella 1 ta' hawn taħt.

L-istandards internazzjonali tal-OIE għat-trattament xieraq tal-annimali waqt it-trasportazzjoni, l-isturdament u l-qtil ta' ħut imrobbi għall-konsum mill-bniedem intużaw bħala parametru referenzarju għall-evalwazzjoni tal-prattiki tat-trattament xieraq tal-annimali. Tqisu wkoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-EFSA dwar it-tbiċċir. L-istudju eżamina l-perjodu bejn l-2009 u l-2013[7] biex tkun tista' ssir evalwazzjoni ta' kull bidla jew xejra lejn id-direzzjoni tal-metodi ta' manipular, trasportazzjoni u sturdament/qtil meħtieġa mill-istandards tal-OIE jew dawk irrakkomandati mill-EFSA. Biex tkun żgurata ġabra ta' dejta affidabbli minn ambitu wiesa', saret talba għall-informazzjoni lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, eż. l-Istati Membri, l-industrija, ix-xjenzjati, il-manifatturi tat-tagħmir, u l-organizzazzjonijiet għall-benessri tal-annimali, u dawn ikkontribwixxew permezz ta' konsultazzjonijiet miftuħa u mmirati.

6 It-trattament xieraq tal-ħut imrobbi: Common practices during transport and at slaughter final (2017) https://publications.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/facddd32-cda6-11e7-a5d5-01aa75ed71a1/language-mt/format-PDF/source-49981830

7 Dawn huma l-iżjed snin riċenti li għandhom iċ-ċifri disponibbli tal-Eurostat u l-STECF (il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-sajd) dwar il-produzzjoni u l-prestazzjoni ekonomika tas-settur.

Dan ir-rapport ġie bbażat fuq dawn is-sorsi ta' informazzjoni:

1. Ir-rapport tal-istudju msemmi hawn fuq dwar it-trattament xieraq tal-ħut imrobbi, li ttratta:

    - Riċerka dokumentarja: evalwazzjoni tal-litteratura tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-sajd (STECF)[8] u tal-Eurostat, u riċerki fil-bażijiet tad-dejta tagħhom. Id-dejta minn sorsi oħrajn, fosthom organizzazzjonijiet tas-settur fil-livelli tal-UE, taż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewropea) u nazzjonali;
    - Konsultazzjoni: dejta li nġabret minn stħarriġ online; intervisti mmirati ta' partijiet ikkonċernati u ta' gruppi fokus, bħal rappreżentanti ta' assoċjazzjonijiet tal-akkwakultura, amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali, gruppi ta' produtturi u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn, skont ir-rilevanza fil-pajjiżi diversi li ġew studjati;

2. Ir-rapport ġenerali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-akkwakultura tal-ħut bil-pinen[9].

**Tabella 1 L-Istati taż-ŻEE li ddaħħlu fl-istudju**[10]

| Speċijiet tal-ħut** | Il-pajjiż fl-istudju | Il-klassifika Ewropea skont il-produzzjoni | Produzzjoni (tunnellati) fl-2014* | Tip ta' produzzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Salamun  | In-Norveġja (NO)<br>Ir-Renju Unit (UK)<br>L-Irlanda (IE) | 1<br>2<br>4 | 1,290,000<br>163,347<br>10,000 | Ilma baħar kiesaħ |
| Karpjun komuni  | Il-Polonja (PL)<br>Ir-Repubblika Ċeka (CZ)<br>Il-Ġermanja (DE) | 1<br>2<br>4 | 18,000<br>17,833<br>5,285 | Ilma ħelu |
| Trota qawsalla (Kbir (L) u Porzjon (P))  | Id-Danimarka (DK)<br>Franza (FR)<br>L-Italja (IT)<br>Il-Polonja | (L4 u P3)<br>(L3 u P4)<br>(L9 u P2)<br>(P5) | 38,091<br>34,000<br>38,800<br>17,500 | Ilma ħelu |

8 http://ec.europa.eu/fisheries/partners/stecf/index_en.htm

9 Overview report on the implementation of the rules on finfish aquaculture (2015) http://ec.europa.eu/food/audits-analysis/overview_reports/details.cfm?rep_id=95

10 It-tabelli u ċ-ċifri addattati mir-rapport tal-istudju ppubblikat "Welfare of farmed fish: common practices during transport and at slaughter" https://publications.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/facddd32-cda6-11e7-a5d5-01aa75ed71a1/language-en/format-PDF/source-49981830

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| Spnott  | Il-Greċja (GR)<br>Spanja (ES)<br>L-Italja | 2<br>3<br>4 | 42,000<br>17,376<br>6,500 | Il-Mediterran (ilma sħun) |
| Awrat  | Il-Greċja<br>Spanja<br>L-Italja | 1<br>3<br>4 | 71,000<br>16,230<br>8,200 | Il-Mediterran (ilma sħun) |

** Sors FEAP 2015[11]; ** L-istampi meħudin minn: https://ec.europa.eu/fisheries/marine_species_en*

# 2. Riżultati ewlenin

## 2.1. Il-prattiki ta' trattament xieraq waqt it-tbiċċir

Il-proċess tat-tbiċċir fih l-istadji li ġejjin: il-manipulazzjoni, it-trażżin, l-isturdament u l-istadju finali tal-qtil. L-isturdament jenħtieġ li jikkawża li l-ħut jintilef minn sensieħ u jsir ma jħoss l-ebda stress, dwejjaq jew uġigħ li jista' jiġi evitat. B'xi metodi jista' jikkawża l-mewt immedjat. Meta l-metodu tal-isturdament huwa riversibbli jew ma jikkawżax il-mewt, għandu jiġi segwit minn metodu ta' qtil. It-Tabella 2 ta' hawn taħt tagħti ħarsa ġenerali lejn il-metodi li jintużaw għall-isturdament, għall-isturdament/qtil u għall-qtil, il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħhom.

**Tabella 2. Ħarsa ġenerali lejn il-metodi li jintużaw għall-isturdament, għall-isturdament jew il-qtil, u għall-qtil,
il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħhom**

| L-isturdament jew l-isturdament/qtil | Speċi ta' ħut | Vantaġġ | Żvantaġġ |
|---|---|---|---|
| Sturdament b'mezz elettriku | Salamun<br>Trota qawsalla<br>Karpjun<br>Komuni | - Jista' jinkiseb sturdament immedjat;<br>- Jippermetti t-tqattigħ qabel l-ebusija tal-mewt. | - Jenħtieġ metodu ta' qtil effettiv;<br>- Tista' ssir ħsara lill-karkassi<br>- Tista' tiġi affettwata l-kwalità tal-prodott, jista' jfalli l-isturdament* minħabba reżistenza li tvarja minn ħuta għal oħra; |
| L-isturdament bid-dijossidu tal-karbonju ($CO_2$) | Trota qawsalla | | - Stressanti ħafna |

[11] FEAP, 2015, European Aquaculture production report 2005-2014 www.feap.info/shortcut.asp?FILE=1402

| L-isturdament jew l-isturdament/qtil | Speċi ta’ ħut | Vantaġġ | Żvantaġġ |
|---|---|---|---|
| Perkussjoni | Salamun | - Jista’ jinkiseb sturdament immedjat;<br>- Meta jintuża tajjeb, il-ħut ma jirkuprax;<br>- Jippermetti t-tqattigħ qabel l-ebusija tal-mewt. | - Jista’ jfalli l-isturdament minħabba differenzi fid-daqs tal-ħut;<br>- Tista’ ssir ħsara lir-ras. |
| | Karpjun komuni | - Meta jintuża tajjeb, il-ħut ma jirkuprax. | - L-użu bl-idejn jista’ jwassal għal falliment tal-isturdament;<br>- Tista’ ssir ħsara lir-ras |
| | Trota qawsalla | - Meta jintuża tajjeb, il-ħut ma jirkuprax. | - L-użu bl-idejn jista’ jwassal għal falliment tal-isturdament. |
| It-tkessiħ bid-$CO_2$ meta l-ħut ikun għadu ħaj | Salamun | - Il-karkassi jibbiesu bil-mod u b’hekk jistgħu jitqattgħu qabel jibbiesu. | - Il-ħut ma jiġix sturdut.<br>- Il-metodu huwa stressanti. |
| Asfissija fis-silġ jew fl-ilma tas-silġ | Spnotta<br>Paġell<br>Trota qawsalla | - Metodu faċli biex jintuża;<br>- Il-kwalità u s-sikurezza tal-ikel. | - Il-ħut jiġi stressat minħabba li t-temperatura tinżel ħesrem. |

* Falliment ta’ sturdament jokkorri meta metodu tal-isturdament ma jkunx effettiv. Fil-każijiet ta’ sturdament elettriku jew perkussiv dan ifisser li l-ħut ma jintilifx minn sensih minnufih.

L-OIE tirrakkomanda l-użu ta’ metodi elettriċi jew mekkaniċi (eż. sturdament perkussiv) għall-qtil tal-ħut imrobbi. Metodi oħrajn, fosthom it-tkessiħ bid-$CO_2$ waqt li l-ħut ikun għadu ħaj, sturdament bid-$CO_2$, tkessiħ fl-ilma bis-silġ segwit minn sturdament bl-elettriku, u l-asfissija fis-silġ, ma jissodisfawx l-istandards tal-OIE. Is-sejba rrapportata mill-istudju hija li l-istandards tal-OIE għat-tbiċċir jintlaħqu b’modi differenti skont l-ispeċijiet u skont il-metodi li jintużaw, kif hawn deskritt fil-paragrafi li ġejjin.

Fil-każ tas-salamun, l-istandards tal-OIE jintlaħqu meta dawn jinqatlu bil-perkussjoni, li huwa l-metodu ewlieni ta’ qtil fin-Norveġja, fir-Renju Unit u fl-Irlanda. Iżda l-isturdament bl-elettriku ma jissodisfax daqstant dawn l-istandards għaliex ħafna drabi l-ħut ma jkunx fil-pożizzjoni tajba biex jiġi sturdut sew. It-tkessiħ tal-ħut ħaj bid-$CO_2$, li ma jissodisfax l-istandards tal-OIE, għadu jintuża fin-Norveġja u fl-Irlanda, iżda sa punt limitat ħafna, u ġie rrappurtat li din il-prattika ftit ftit se tkun twarrbet fl-2018.

L-istandards tal-OIE jintlaħqu parzjalment biss fit-tbiċċir tal-karpjun komuni fil-Polonja, fir-Repubblika Ċeka u fil-Ġermanja. L-iżjed metodu li jintuża huwa l-perkussjoni manwali (daqqa fuq ir-ras). Iżda fil-Polonja l-karpjun jibqa’ espost għall-arja għal ħin massimu sa 10 minuti, u dan jikkawżalu l-istress. L-isturdament bl-elettriku jintuża wkoll fil-Polonja, fir-Repubblika Ċeka u fil-Ġermanja, iżda m’hemmx biżżejjed informazzjoni dwar kemm hu effettiv it-tagħmir għal dan il-metodu.

Id-Danimarka, Franza u l-Italja jissodisfaw parzjalment l-istandards tal-OIE fil-qtil tat-trota qawsalla, iżda mhux il-Polonja. L-isturdament bl-elettriku jintuża fid-Danimarka u fl-Italja. Iżda d-dejta dwar kif inhu magħmul it-tagħmir għal dan il-metodu hija skarsa, u għalhekk mhuwiex magħruf jintlaħqux l-istandards tal-OIE fil-każ tal-isturdament bl-elettriku. Il-perkussjoni manwali tat-trota qawsalla tissodisfa l-istandards tal-OIE, dejjem jekk issir b'mod korrett. Id-Danimarka u l-Polonja jużaw l-asfissija fis-silġ, u din ma tissodisfax l-istandards tal-OIE. Fi Franza l-metodi tat-tbiċċir huma t-tkessiħ fl-ilma tas-silġ u wara dan, l-isturdament bl-elettriku u, inqas komuni, l-isturdament bid-$CO_2$, li l-ebda wieħed minnhom ma jissodisfa l-istandards tal-OIE.

L-iżjed metodu li għadu jintuża fil-Greċja, fi Spanja u fl-Italja għat-tbiċċir tal-ispnott u tal-paġell aħmar huwa l-asfissija fis-silġ, iżda għadd limitat ta' farms qegħdin jibdew jesperimentaw bl-isturdament bl-elettriku.

**Tabella 3: Sommarju tal-metodi tat-tbiċċir li qegħdin jintużaw, b'indikazzjoni ta' kemm jissodisfaw l-istandards tal-OIE**

| Speċi ta' ħut | Il-pajjiż fl-istudju | Tbiċċir | |
|---|---|---|---|
| | | Riżultat | Spjegazzjoni |
| **Salamun** | LE | +/- | Il-perkussjoni (jintlaħqu l-istandards).<br>L-isturdament bl-elettriku fin-niexef: perċentwal ta' 25 sa 30 biss tal-ħut jitqiegħed f'pożizzjoni tajba, iżda l-perċentwal qed jiżdied (dawn il-25 sa 30% jissodisfaw l-istandards).<br>Ħut sturdut bl-elettriku li jinqatel billi jinqatgħulu l-garġi (ma jissodisfax l-istandards), jew permezz tal-perkussjoni, jew billi tinqatagħlu rasu (jintlaħqu l-istandards).<br>It-tkessiħ tal-ħut ħaj bid-$CO_2$ (l-istandards ma jintlaħqux). |
| | UK | ✓ | L-istandards jintlaħqu |
| | IE | +/- | Perkussjoni. L-isturdament bid-$CO_2$ għal 7 sa 8% (l-istandards ma jintlaħqux). |
| **Karpjun komuni** | PL | +/- | Perkussjoni manwali.<br>L-isturdament bl-elettriku ma jintużax mill-produtturi l-kbar |
| | CZ | +/- | L-isturdament bl-elettriku ma jintużax mill-produtturi l-kbar u m'hemmx metodu ta' qtil li jintuża |
| | DE | +/- | Perkussjoni manwali.<br>L-isturdament bl-elettriku ma jintużax mill-produtturi l-kbar |
| **Trota qawsalla** | DK | +/- | L-isturdament bl-elettriku ma jintużax mill-produtturi l-kbar<br>Tintuża wkoll l-asfissija fis-silġ |
| | FR | +/- | Perkussjoni manwali. Iżda jintużaw ukoll l-isturdament bid-$CO_2$ u t-tkessiħ fis-silġ segwit mill-isturdament bl-elettriku. |
| | IT | +/- | L-isturdament bl-elettriku ma jintużax mill-produtturi l- |

| Speċi ta' ħut | Il-pajjiż fl-istudju | Tbiċċir | |
|---|---|---|---|
| | | **Riżultat** | **Spjegazzjoni** |
| | | | kbar |
| | PL | × | L-asfissija fl-ilma tas-silġ fuq trakk jew fil-farm jew fil-biċċerija |
| **Spnott** | GR | × | Asfissija fis-silġ jew fl-ilma tas-silġ |
| | ES | × | Asfissija fis-silġ jew fl-ilma tas-silġ |
| | IT | × | Asfissija fis-silġ jew fl-ilma tas-silġ |
| **Awrat** | GR | × | Asfissija fis-silġ jew fl-ilma tas-silġ |
| | ES | × | Asfissija fis-silġ jew fl-ilma tas-silġ |
| | IT | × | Asfissija fis-silġ jew fl-ilma tas-silġ |

✓ OIE - x'aktarx li jintlaħqu l-istandards tal-OIE

× OIE - x'aktarx li ma jintlaħqux l-istandards tal-OIE

+/- OIE - jistgħu jintlaħqu l-istandards tal-OIE skont il-metodu u t-tagħmir li jintuża

Rigward ir-regoli dwar il-metodi tat-tbiċċir li jintużaw fil-produzzjoni organika tal-akkwakultura, is-sejbiet fir-rapport tal-Kummissjoni msemmi fin-nota ta' qiegħ il-paġna numru disa' jikkonfermaw li tiġi segwita s-sistema ta' kontrolli fuq it-tbiċċir, kif deskritt fl-Artikolu 25(h) 5 tar-Regolament (KE) 889/2008.

### 2.2. Il-leġiżlazzjoni u l-linji gwida nazzjonali

It-tieni paragrafu tal-Artikolu 27(1) tar-Regolament jippermetti li l-Istati Membri jżommu jew jadottaw regoli nazzjonali għall-protezzjoni tal-ħut waqt it-tbiċċir jew il-qtil meta ma jkunx hemm regoli tal-UE. L-istudju sab li filwaqt li l-leġiżlazzjoni u l-linji gwida nazzjonali huma żviluppati fl-Istati Membri u fil-pajjiżi taż-ŻEE fil-mira, dawn mhumiex żviluppati daqs ir-regoli għall-annimali terrestri mrobbija, iżda l-qagħda qed titjieb minħabba s-sensibilizzazzjoni dejjem tiżdied dwar it-trattament xieraq tal-ħut.

Għall-ħames speċijiet li ġew ittrattati fl-istudju, l-istandards privati li jinkludu t-trattament xieraq waqt it-trasportazzjoni u t-tbiċċir huma implimentati b'mod predominanti fis-settur tas-salamun, daqsxejn inqas fil-każ tat-trota qawsalla, u b'mod limitat fil-każ tal-ispnott u l-awrat. L-għadd ta' farms tal-karpjun komuni li huma koperti minn standards tat-trattament xieraq huwa limitat ħafna. It-Tabella 4 ta' hawn taħt tagħti ħarsa ġenerali sħiħa lejn il-leġiżlazzjoni u l-linji gwida nazzjonali, u l-istandards privati fil-pajjiżi studjati.

**Tabella 4: il-leġiżlazzjoni u l-linji gwida nazzjonali jew il-kodiċijiet tal-prattika li jirregolaw l-aspetti tat-trattament xieraq fit-tbiċċir tal-ħut imrobbi**

| Pajjiż | Leġiżlazzjoni | Linji gwida nazzjonali jew standards privati |
|---|---|---|
| **LE** | – Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009, u r-Regolament Norveġiż Nru 1250/2006 jistabbilixxu r-regoli għar- | – L-Awtorità Norveġiża dwar is-Sigurtà fl-Ikel (NFSA) ħejjiet |

| Pajjiż | Leġiżlazzjoni | Linji gwida nazzjonali jew standards privati |
|---|---|---|
| | rekwiżiti ġenerali tat-trattament xieraq tal-ħut | dokument dwar ir-rekwiżiti għat-trattament xieraq tal-annimali tal-akkwakultura[12] waqt it-tbiċċir għall-industrija |
| **UK** | – Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009<br>– L-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali 2006 (Animal Welfare Act 2006)<br>– It-Trattament Xieraq tal-Annimali Waqt il-Qtil (The Welfare of Animals at the Time of Killing) (L-Iskozja) ir-Regolamenti tal-2012. L-Istrument Statutorju 2012 Nru. 321<br>– It-Trattament Xieraq tal-Annimali (The Welfare of Animals) (it-Trasportazzjoni) (l-Ingilterra) l-Ordni 2006 (u l-leġiżlazzjoni ekwivalenti fl-Iskozja u f'Wales) | – L-Opinjoni dwar it-trattament xieraq tal-ħut imrobbi (Opinion on welfare of farmed fish); Il-Kumitat dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali tar-Raba' (Farm Animal Welfare Committee); 2014<br>– Il-kodiċi tal-prattiki t-tajba (Code of good practices)[13] |
| **IE** | – Ir-Regolament 1099/2009<br>– L-abbozz tal-liġi dwar is-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali 2012 | – Kodiċi tal-Prattika għas-Saħħa tal-Ħut għall-Akkwakultura tas-Salamun fl-Irlanda (A Fish Health Code of Practice for Salmonid Aquaculture in Ireland (2014))<br>– Il-Manwal għas-Saħħa tas-Salamun Imrobbi (The Farmed Salmonid Health Handbook (2011)[14]) |
| **PL** | – Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009, l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Annimali, (Nru 111, l-Entrata 724; tal-1998 Nru 106, l-Entrata 668) | – Il-KODIĊI tal-Prattika t-Tajba (Kodeks Dobrej Praktyki); 2014 |
| **CZ** | – Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009<br>– L-Att Nru 246/1992 Kollettivament u l-emendi sussegwenti dwar il-protezzjoni tal-annimali mill-krudeltà<br>– Id-Digriet Nru 245/1996 Kollettivament dwar il-metodi ta' sturdament/tal-qtil<br>– Id-Digriet Nru 382/2004 Kollettivament dwar il-metodi ta' sturdament/tal-qtil<br>– Id-Digriet Nru 99/2004 dwar il-ġestjoni tal-vaski tal-ħut, li jittratta wkoll it-trobbija tal-ħut | – Il-Linja Gwida Nru 5/2015 dwar il-bejgħ tal-ħut mill-istends / postijiet minn fejn jinbiegħu l-ħut |
| – DE | – Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009<br>– Il-liġi għall-protezzjoni tal-annimali b'rabta mal-qtil u t-tbiċċir (Verordnung zum Schutz von Tieren im Zusammenhang mit der Schlachtung oder Tötung und zur Durchführung der Verordnung (EG) Nr. 1099/2009 des | – Il-Prattika tal-Iġjene t-Tajba (1994) (Verordnung über die hygienischen Anforderungen an Fischereierzeugnisse)<br>– Il-Prattika t-Tajba tat-trobbija |

[12]https://www.mattilsynet.no/om_mattilsynet/gjeldende_regelverk/veiledere/veileder_fiskevelferd_ved_slakteri_for_akvakulturdyr_2014.9471/binary/Veileder%20fiskevelferd%20ved%20slakteri%20for%20akvakulturdyr%202014

[13]http://thecodeofgoodpractice.co.uk/chapters/

[14]http://www.fishhealth.ie/FHU/sites/default/files/FHU_Files/Documents/FarmedSalmonidHealthHandbookOctober2011.pdf

| Pajjiż | Leġiżlazzjoni | Linji gwida nazzjonali jew standards privati |
|---|---|---|
| | Rates (Tierschutz-Schlachtverordnung -TierSchlV) | fil-vaski (karpjun) (gute fachliche Praxis der Teichwirtschaft in Brandenburg)<br>– |
| **DK** | – Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009<br>– | – Xejn (Stħarriġ tal-Awtorità Kompetenti) |
| **FR** | – Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009<br>– Note de service 2007-8016 de la DGAL du 16 janvier 2007 (DGAL/SDSPA/N2007-8192) | – *(ma waslitx tweġiba mingħand l-Awtorità Kompetenti)* |
| **IT** | – Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009 | – Xejn (Stħarriġ tal-Awtorità Kompetenti) |
| **GR** | – Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009 | – 2 Ċirkolari dwar it-trattament xieraq tal-ħut imrobbi (23/3/2015; 9/6/2015) |
| **ES** | – Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009<br>– ) | – Il-Kodiċi tal-Prattika dwar il-qtil tal-ħut (Piscicultura; Guia de practica correctas para el sacrificio; 2016; AEONOR) |

# 3. Sejbiet soċjoekonomiċi

It-Tabella 5 ta' hawn taħt turi l-produzzjoni nazzjonali mill-akkwakultura tal-ħut, tal-krustaċji, tal-molluski u ta' organiżmi akkwatiċi oħrajn fid-19-il Stat ewlieni taż-ŻEE li jipproduċu l-akkwakultura, għas-snin 2009 sal-2013, li jifforma 99% tal-produzzjoni tal-akkwakultura fiż-ŻEE. It-Tabella 6 tagħti ħarsa ġenerali lejn il-produzzjoni medja tal-ħut imrobbi totali fil-pajjiżi fil-mira tal-istudju.

**Tabella 5. Il-produzzjoni tal-akkwakultura fid-19-il Stat taż-ŻEE, 2009-2013 (1 000 tunnellati fil-piż ħaj)**

| Stat taż-ŻEE | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | Bidla 2009-2013 | Proporzjon tat-total taż-ŻEE, 2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| In-Norveġja | 962 | 1 020 | 1 144 | 1 321 | 1 248 | 29,7 % | 50,5 % |
| Spanja | 267 | 252 | 272 | 264 | 224 | -16,1 % | 9,0 % |
| Ir-Renju Unit | 197 | 201 | 199 | 206 | 203 | 3,4 % | 8,2 % |
| Franza | 234 | *225* | 207 | *205* | 201 | -14,2 % | 8,1 % |
| L-Italja | 162 | 153 | 164 | *163* | *163* | 0,1 % | 6,6 % |
| Il-Greċja | 122 | 121 | 111 | 111 | 114 | -6,6 % | 4,6 % |
| In-Netherlands | 56 | 67 | 44 | 46 | 60 | 8,5 % | 2,4 % |
| Id-Danimarka | 35 | *36* | *36* | 35 | *38* | 7,3 % | 1,5 % |
| Il-Polonja | 37 | 31 | 29 | 32 | 35 | -3,6 % | 1,4 % |
| L-Irlanda | 48 | 46 | 44 | 36 | 34 | -28,0 % | 1,4 % |
| Il-Ġermanja | 39 | 41 | 39 | 26 | 25 | -35,0 % | 1,0 % |
| Ir-Repubblika Ċeka | 20 | 20 | 21 | 21 | 19 | -3,6 % | 0,8 % |
| L-Ungerija | 15 | 14 | 16 | 15 | 15 | 0,6 % | 0,6 % |
| Il-Finlandja | 14 | 12 | 11 | 13 | 14 | -0,1 % | 0,6 % |
| L-Iżvezja | 9 | 11 | 13 | 14 | 13 | 56,5 % | 0,5 % |
| Il-Bulgarija | 7 | 8 | 6 | 6 | 12 | 80,8 % | 0,5 % |
| Il-Kroazja | 14 | 14 | 13 | 10 | 12 | -15,5 % | 0,5 % |
| Ir-Rumanija | 13 | 9 | 8 | *10* | *11* | -16,2 % | 0,4 % |
| Il-Portugall | 7 | 8 | 9 | 10 | 10 | 49,6 % | 0,4 % |
| **Total ta' 19-il Stat** | **2 255** | **2 290** | **2 386** | **2 544** | **2 451** | **8,7 %** | **99,1 %** |
| **Total ŻEE** | **2 271** | **2 306** | **2 403** | **2 563** | **2 473** | **8,9 %** | **100,0 %** |

*Sors: FAO Global Fishery and Aquaculture Statistics, Version 2016.1.2. Iċ-ċifri li jidhru bil-korsiv huma previżjonijiet*

**Tabella 6: Il-produzzjoni medja ta' ħut minn kull intrapriża fl-Istati Membri tal-UE magħżulin**

| | Il-volum tal-bejgħ nazzjonali (f'tunnellati) | L-għadd ta' impriżi | Il-produzzjoni medja ta' kull intrapriża (f'tunnellati) |
|---|---|---|---|
| **GR (2014)** | 118,080 | 248 | 476.1 |
| **UK (2013)** | 203,263 | 548 | 370.9 |
| **DK (2013)** | 46,297 | 130 | 356.1 |
| **IT (2013)** | 153,944 | 587 | 262.3 |
| **IE (2013)** | 34,667 | 283 | 122.5 |

| | Il-volum tal-bejgħ nazzjonali (f'tunnellati) | L-għadd ta' impriżi | Il-produzzjoni medja ta' kull intrapriża (f'tunnellati) |
|---|---|---|---|
| **ES (2013)** | 231,738 | 3,023 | 76.7 |
| **FR (2013)** | 227,601 | 2,988 | 76.2 |
| **PL (2013)** | 31,267 | 846 | 37.0 |
| **DE (2016)** | 20,936 | 5,952 | 3.5 |

Sors: Il-bażi tad-dejta tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd, ħlief il-Ġermanja (l-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Ġermanja Federali)

### 3.1. L-analiżi ekonomika tal-prattiki tat-tbiċċir

L-analiżi soċjoekonomika tar-rapport tal-istudju qieset id-differenzi bejn il-ħames speċijiet li ġew studjati u bejn l-ambjenti (l-ilma baħar kiesaħ, l-ilma tal-Baħar Mediterran, l-ilma ħelu). Id-differenzi fid-daqs tal-intrapriżi u fil-metodi ta' produzzjoni tqiesu wkoll f'din l-analiżi, billi kienu fatturi rilevanti biex jiġi vvalutat it-trattament xieraq. Id-differenzi l-aktar kbar bejn l-intrapriżi u l-pajjiżi huma dovuti għal fatturi ta' spejjeż oħrajn, li ma tqisux fir-rapport tal-istudju, bħall-għalf u l-ispejjeż tax-xogħol u tat-tħaddim[15].

Għal kull speċi li ġiet investigata fil-pajjiżi studjati, l-investimenti addizzjonali u l-ispejjeż annwali biex jissegwew prattiki tat-trattament xieraq tal-annimali mtejbin mill-2009 ġew ikkalkulati għall-farm tal-akkwakultura medju għall-ispeċijiet fl-istudju. Dawn kienu jinkludu l-ispiża addizzjonali marbuta mat-trattament xieraq imtejjeb waq l-isturdament, il-qtil u t-tbiċċir. Fil-kalkoli dwar l-ispejjeż addizzjonali relatati huwa preżunt li kull farm tal-akkwakultura jeħtieġ ikun sid l-ipproċessar primarju tiegħu, u li l-intrapriża medja ma implimentatx prattiki tat-trattament xieraq.

<u>Salamun</u>

Biex jintlaħqu l-istandards tal-OIE (ara t-taqsima 2.1 ta' dan ir-rapport) l-istudju assuma li kull farm tal-ħut jeħtieġ l-ispejjeż biex jinvesti f'apparat tal-isturdament bl-elettriku, jew apparat tal-isturdament mekkaniku u f'robot li jaqta' l-irjus, u sab li l-ispejjeż addizzjonali biex jiġu adottati prattiki tat-trattament xieraq imtejbin huma relattivament żgħar abbażi tad-daqs medju tal-farms. Skont l-istudju, l-inqas spiża addizzjonali tkun tammonta għal 2 ċenteżmi tal-Euro/kg jew 0,5% tal-prezz tal-bejgħ fir-Renju Unit, u l-aktar spiża għolja tkun tammonta għal 9 ċenteżmi tal-Euro/kg, jew inqas minn 1,5% tal-prezz tal-bejgħ fl-Irlanda. Fil-biċċeriji li għandhom rata għolja ta' pproċessar u spejjeż kbar tax-xogħol, l-investiment jista' saħansitra jirriżulta fl-iffrankar tal-ispejjeż. Iżda billi diġà hemm livell għoli ta' implimentazzjoni ta' prattiki tat-trattament xieraq tal-ħut fl-industrija tas-salamun fl-Istati Membri u fil-pajjiżi taż-ŻEE, l-intrapriżi li jkollhom bżonn jinvestu biex jilħqu l-istandards tal-OIE huma relattivament ftit, għaldaqstant, l-impatt fuq il-kompetittività x'aktarx li jkun żgħir.

[15] Dawn il-fatturi tal-ispejjeż ġew ittrattati b'mod aktar komprensiv u ddettaljat fir-rapporti tal-STECF dwar il-produzzjoni u l-prestazzjoni ekonomika tas-settur.

<u>Karpjun komuni</u>

L-ekonomiji ta' skala fil-volumi tat-tbiċċir għandhom effett sostanzjali fuq l-ispiża tal-miżuri tat-trattament xieraq. Dan kien jidher b'mod ċar meta l-isturdament bl-elettriku segwit bid-dekapitazzjoni ġew evalwati għat-titjib tat-trattament waqt it-tbiċċir tal-karpjun, li t-tbiċċir tiegħu jsir f'volum ħafna inqas minn dak li jsir fl-intrapriżi tipiċi tas-salamun. L-ispejjeż żejda varjaw b'mod konsiderevoli fost il-pajjiżi fl-istudju tal-każ, l-inqas spiża kienet ta' 6 ċenteżmi tal-Euro għal kull kilogramm fil-Polonja, filwaqt li fir-Rumanija kienet 41 ċenteżmu tal-Euro l-kilogramm u fil-Ġermanja 58 ċenteżmu tal-Euro l-kilogramm.

Il-karpjun komuni jittiekel l-iktar fil-pajjiż fejn jiġi prodott u b'mod ġenerali ma kienx ta' profitt mingħajr sussidji bejn l-2009 u l-2013 fis-sistemi ta' produzzjoni tipiċi. X'aktarx li l-iżjed li jsibu diffikultà li jinvestu biex itejbu t-trattament tal-animali huma l-farms iż-żgħar, u dawn jistgħu jġarrbu żvantaġġ fil-kompetittività. Billi jiġi esportat (u riesportat) proporzjon żgħir ħafna tal-produzzjoni dinjija tal-karpjun, l-effetti tal-miżuri tat-trattament xieraq fuq il-kompetittività internazzjonali huma mistennija li jkunu limitati (iżda, kif jidher fl-illustrazzjoni 1, l-impatti fuq il-prezz nett jistgħu jkunu konsiderevoli).

<u>Trota qawsalla</u>

Dwar il-ħtiġijiet ta' investiment biex jintlaħqu l-istandards tal-OIE għat-tbiċċir tat-trota qawsalla, ir-rapport tal-istudju assuma: 1) l-isturdament bl-elettriku qabel ma jitneħħa l-ilma, u; 2) l-isturdament bil-perkussjoni wara li jitneħħa l-ilma, iż-żewġ proċessi jiġu segwiti bil-qtugħ bl-idejn tal-garġi. Bħal fil-każ tal-karpjun, l-impatt tal-ispejjeż addizzjonali varja b'mod sinifikanti skont l-ekonomiji ta' skala, u l-ispejjeż addizzjonali stmati kienu jvarjaw bejn 4 ċenteżmi tal-Euro kull kilogramm fid-Danimarka u 24 ċenteżmu tal-Euro kull kilogramm fi Franza. Fl-Italja, fejn hemm rata ta' produzzjoni għolja fil-biċċeriji u spejjeż kbar tax-xogħol, ġie rrappurtat iffrankar ta' 6 ċenteżmi tal-Euro kull kilogramm. L-isturdament bil-perkussjoni huwa alternattiva aktar għalja u l-impatt fuq l-ispejjeż ikun ikbar, speċjalment għall-farms iż-żgħar, kif hemm fi Franza.

<u>L-ispnott u l-awrat</u>

Għall-ispnott u l-awrat, l-investimenti li tqiesu għat-titjib tat-trattament waqt it-tbiċċir huma: 1) l-isturdament bl-elettriku qabel ma jitneħħa l-ilma, u; 2) l-isturdament bl-elettriku wara li jitneħħa l-ilma, it-tnejn li huma segwiti bit-tkessiħ f'taħlita ta' silġ u ilma baħar.

L-ispiża addizzjonali għal kull unità tvarja kemxejn minn metodu għall-ieħor, iżda tvarja aktar minn pajjiż għall-ieħor skont id-daqs tal-intrapriżi. Fi Spanja, fejn hemm l-akbar intrapriżi, l-ispiża addizzjonali għal kull unità kienet ta' 4 ċenteżmi tal-Euro kull kilogramm għaż-żewġ metodi li huma. Fil-Greċja kienet bejn 5 u 6 ċenteżmi tal-Euro kull kilogramm, skont il-metodu, u fl-Italja, fejn hemm l-iżgħar intrapriżi, kienet bejn 11 u 13-il ċenteżmu tal-Euro kull kilogramm. Minkejja li ż-żieda fl-ispejjeż hija pjuttost moderata, anki għall-produtturi li joħorġu volumi żgħar, kif hemm l-Italja, il-marġni tal-profitti fil-biċċa l-kbira ta' dawn il-farms jista' jwaqqaf lill-produtturi milli jinvestu.

B'mod ġenerali, ir-rapport tal-istudju sab li l-produzzjoni tal-ispnott u l-awrat ġeneralment ma kinitx trendi profitt mingħajr sussidji fil-perjodu mill-2009 sal-2013 fl-Istati Membri produtturi ewlenin. Għaldaqstant jista' jkun diffiċli għall-produtturi biex jagħmlu l-investiment meħtieġ biex itejbu l-istandards tat-trattament.

L-Illustrazzjoni 1 tagħti ħarsa ġenerali fil-qosor tal-impatt tal-prattiki tat-trattament xieraq tal-annimali mtejba fuq il-prezz nett tal-ħut imrobbi fil-pajjiżi fl-istudju tal-każ (Euro/kg).

**Illustrazzjoni 1: L-impatt tal-kisba ta' prattiki mtejbin tat-trattament xieraq tal-annimali fuq il-prezz net tal-ħut imrobbi fil-pajjiżi fl-istudju tal-każ (Euro/kg)**




## 4. Il-limitazzjonijiet tas-sejbiet

L-analiżi ekonomika li saret fir-rapport tal-istudju ordnat użat l-informazzjoni limitata disponibbli dwar l-ispiża tat-tagħmir meħtieġ għat-titjib tat-trattament waqt it-tbiċċir. L-analiżi hija bbażata fuq l-intrapriża medja għal kull speċi f'kull wieħed mill-pajjiżi fl-istudju tal-każ. Madankollu, huwa preżunt li l-intrapriżi li għandhom produzzjoni għolja jiksbu l-ekonomiji tal-iskala. Id-dħul finanzjarju fuq l-investimenti jvarja sostanzjalment minn speċi tal-ħut għal oħra wkoll.

L-ispejjeż tal-investiment huma sostanzjalment ogħla għall-intrapriżi li għandhom volumi ta' produzzjoni relattivament baxxi milli għall-intrapriżi l-kbar. Il-kapaċità tat-tagħmir identifikat hija tali li dan jista' ma jintużax għal perjodi ta' żmien twal. Jista' jkun li jsir disponibbli tagħmir alternattiv, li jkun jiswa' inqas flus, għall-faċilitajiet iż-żgħar. Iżda meta sar l-istudju ma kienx hemm informazzjoni dwar tagħmir alternattiv.

Limitazzjoni oħra tas-sejbiet tikkonċerna l-kwalità tad-dejta, b'mod partikolari informazzjoni finanzjarja u sensittiva mil-lat kummerċjali, li nkisbet waqt l-istudju dwar l-ispejjeż reali tal-isturdament u l-qtil. Dan kien dovut primarjament għal rata baxxa ta' tweġibiet min-naħa tal-industrija, jew għall-fatt li l-prattiki tal-kontabbiltà tagħhom ma jiddisaggregawx l-ispejjeż. Meta ma nkisbitx biżżejjed informazzjoni dwar l-ispejjeż mingħand l-industrija, inġabru l-

istimi mingħand il-manifatturi, u jista' jkun li dawn ma jirriflettux l-ispejjeż reali tat-tħaddim. Ta' min wieħed jinnota wkoll li l-istudju ffoka fuq perjodu ta' referenza speċifiku, l-2009 sal-2013, u dan jista' ma jirriflettix ix-xejriet fuq perjodu itwal jew fuq iż-żmien mill-2013 sal-lum.

## 5. Konklużjonijiet

B'mod ġenerali, ir-rekwiżiti ġenerali tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009 li japplikaw għat-trattament xieraq tal-ħut waqt it-tbiċċir kienu ta' għajnuna biex jiġi żviluppat qafas għal-leġiżlazzjoni u gwida nazzjonali għat-trattament xieraq tal-ħut imrobbi fl-UE, b'mod partikolari għas-salamun.

Il-livell ta' kisba tal-istandards tal-OIE waqt it-tbiċċir ivarja skont l-ispeċi. Għas-salamun, fil-biċċa l-kbira jinkisbu l-aħjar prattiki, bi ftit eċċezzjonijiet, fil-pajjiżi li ġew studjati. Għall-karpjun komuni u t-trota qawsalla, il-livell ta' kisba tal-aħjar prattiki jvarja minn metodu li jintuża għal ieħor. Għall-ispnott u l-awrat, l-istandards tal-OIE mhumiex jinkisbu mill-pajjiżi fl-istudju.

L-analiżi ekonomika turi li d-differenzi fl-ispejjeż tal-produzzjoni huma r-riżultat tal-istruttura tal-industrija, u hemm benefiċċji partikolari mill-ekonomiji ta' skala. Fejn jeżistu dawn l-ekonomiji ta' skala, it-titjib tal-prattiki tat-trattament xieraq x'aktarx ftit ikollu impatt fuq il-prezz nett, filwaqt li l-impatt fuq il-farms iż-żgħar x'aktarx li jkun ħafna ikbar. L-akbar differenzi bejn l-intrapriżi u l-pajjiżi huma dovuti għal fatturi oħrajn, bħalma huma spejjeż ta' għalf, tax-xogħol u tat-tħaddim.

Fil-każ speċifiku tal-farms il-kbar tas-salamun u tat-trota qawsalla nstab li l-investiment fit-titjib tat-trattament jista' jwassal għall-iffrankar tax-xogħol, u jista' jegħleb l-ispiża tal-investiment.

Is-sejbiet tar-rapport tal-istudju ordnat urew ukoll li b'mod ġenerali l-industrija qiegħda bil-mod il-mod u kontinwament ittejjeb it-trattament tal-ħut, kif jidher mill-użu li dejjem qed jiżdied ta' metodi aktar umanitarji, bħall-isturdament bl-elettriku, u t-twarrib ftit ftit ta' metodi oħrajn, bħalma hu l-isturdament bid-$CO_2$[16], u bl-adozzjoni ta' standards privati. Madankollu għadu meħtieġ it-titjib biex jiżdied it-trattament xieraq ta' xi speċijiet ta' ħut bħall-ispnott u l-awrat. Is-sejbiet ta' dan l-istudju huma appoġġati wkoll mir-rapport ġenerali tal-Kummissjoni, li sar mill-2014 sal-2015[17].

F'dan l-istadju, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-evidenza turi li mhuwiex xieraq li jiġu proposti rekwiżiti speċifiċi dwar il-protezzjoni tal-ħut waqt il-qtil, meta wieħed iqis li l-għanijiet tar-Regolament xorta waħda jistgħu jintlaħqu minn miżuri volontarji, kif jidher mit-

[16] Fis-17 ta' Ottubru 2017, l-awtoritajiet Olandiżi nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar abbozz ġdid ta' regolament nazzjonali li jkun jipprojbixxi l-metodi attwali tradizzjonali tat-tbiċċir tas-sallur u jappoġġa metodi ta' sturdament bl-elettriku li huma aktar umanitarji (in-notifika 2017/0406/NL).

[17] Overview report on the implementation of the rules on finfish aquaculture (2015) http://ec.europa.eu/food/audits-analysis/overview_reports/details.cfm?rep_id=95

titjib li daħħlet l-industrija f'dawn l-aħħar snin. Huwa importanti wkoll li wieħed jinnota li dan is-settur huwa komparattivament ġdid u divers meta mqabbel ma' sistemi oħrajn ta' produzzjoni tradizzjonali tal-annimali mrobbijin, u li t-teknoloġija biex jitjieb it-trattament qiegħda timxi 'l quddiem. Billi qegħdin isiru dawn l-iżviluppi, il-Kummissjoni tikkonkludi li jekk tkun meħtieġa aktar gwida, din tinkiseb l-aħjar fil-livell tal-Istati Membri. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja l-progress f'dan il-qasam.

Madankollu, wieħed irid jagħraf ukoll li tenħtieġ aktar riċerka ffokata lejn it-tfassil ta' sistemi ddedikati għal dawk l-ispeċijiet ta' ħut li jeħtieġu l-iżvilupp ta' tekniki aktar effettivi.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni hija tal-fehma li huwa essenzjali li jiġu żviluppati aktar djalogi mal-partijiet ikkonċernati biex jingħata aktar appoġġ lil inizjattivi u proġetti speċifiċi f'dan il-qasam li jistgħu jkunu ta' benefiċċju reċiproku kemm mill-aspett ekonomiku kif ukoll minn dak tat-trattament xieraq tal-annimali. Fuq dan l-isfond il-Kummissjoni fasslet format aktar sistematiku u viżibbli għal dan id-djalogu permezz tal-Pjattaforma tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali[18]. L-għan ewlieni ta' din il-pjattaforma huwa li jippermetti li l-partijiet interessati (organizzazzjonijiet għat-trattament xieraq tal-annimali, xjenzjati, veterinarji, bdiewa, dawk li jipproċessaw l-ikel, bejjiegħa tal-ikel, eċċ.) ikollhom l-opportunità li jesprimu t-tħassib tagħhom, jaqsmu l-għarfien u r-riżorsi biex jibnu attivitajiet reċiproki.

[18] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Jannar 2017 li tistabbilixxi l-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar "Il-Pjattaforma dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali", C/2017/0280, ĠU C 31, 31.1.2017, p. 61.